Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,429, 29 ta' April, 2025

Taqsima B

A.L. 77 tal-2025

ATT DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI (KAP. 437)

Regoli tal-2025 għall-Implimentazzjoni dwar is-Saħħa tal-Annimali u l-Mard Trasmissibbli tal-Annimali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 5, 7, 8, 9, 10, 11, 12, 15, 16, 17, 34 u 37 tal-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, il-Ministru responsabbli għas-servizzi veterinarji bi qbil mal-Ministru responsabbli għad-dwana u l-Ministru responsabbli mis-saħħa pubblika, għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu u għan.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu r-Regoli tal-2025 għall-Implimentazzjoni dwar is-Saħħa tal-Annimali u l-Mard Trasmissibbli tal-Annimali.

(2) L-għan ta' dawn ir-regoli hu li jimplimentaw ir-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trasmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali"), kif fis-seħħ minn żmien għal żmien.

Tifsir.

2. (1) F'dawn ir-regoli, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"Att" ifisser l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji; Kap. 437.

"awtorità kompetenti" tfisser id-Dipartiment kif imfisser fl-artikolu 2 tal-Att;

"Dipartiment" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"Direttur" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"Regolament (UE) 2016/429" tfisser ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trasmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali"), kif fis-seħħ minn żmien għal żmien:

Iżda f'dawn ir-regoli u kif applikabbli skont il-każ, din għandha tinkludi wkoll dawk l-atti delegati jew ta' implimentazzjoni kollha kif adottati mill-Unjoni Ewropea skont

ir-Regolament (UE) 2016/429.

(2) Kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, il-kliem u l-frażijiet użati f'dawn ir-regoli u li ma humiex imfissra hawnhekk, għandu jkollhom l-istess tifsira kif mogħtija lilhom fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2016/429 u l-artikolu 2 tal-Att.

Awtorità kompetenti.

3. Id-Dipartiment għandu jkun l-awtorità kompetenti għall-finijiet tar-Regolament (UE) 2016/429.

Taqsima IX tal-Att.

4. Bla ħsara għal kwalunkwe setgħa jew responsabbiltà oħra skont il-liġi, u għall-applikazzjoni tagħha fi kwalunkwe mod ieħor skont il-liġi, it-Taqsima IX tal-Att tapplika wkoll *mutatis mutandis* għal dawn ir-regoli.

Reati u pieni.

5. (1) Bla ħsara għar-regola 4, kwalunkwe persuna li tikser xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regoli jew xi obbligu skont dawn ir-regoli, jew li tikser xi dispożizzjoni tar-Regolament (UE) 2016/429, jew tfixkel lil xi persuna responsabbli għall-implimentazzjoni tagħhom, għandha meta tinsab ħatja, tkun soġġetta għal pieni stabbiliti fl-Att.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subregola (1), il-Qorti tista' wkoll tordna lil kwalunkwe persuna li tinsab ħatja ta' reat, sabiex tħallas għall-ispejjeż inkorsi mill-awtorità kompetenti u d-Direttur b'riżultat tar-reat imsemmi, kif ukoll ir-revoka ta' kwalunkwe permess jew ċertifikat maħruġ taħt dawn ir-regoli u l-konfiska, iż-żamma jew il-qerda jew mod ieħor ta' disponiment tal-annimali involuti.

Tħassir u riżervi.

6. (1) Ir-regoli u r-regolamenti li ġejjin qegħdin b'dawn jiġu mħassra u sostitwiti b'dawn ir-regoli:

L.S. 437.44. (a) Regolamenti dwar iċ-Ċertifikat u r-Rapport ta' l-Ispezzjoni dwar Kummerċ Intra-Komunitarju ta' Annimali u Prodotti Magħmula mill-Annimali;

L.S. 437.48. (b) Regolamenti dwar Problemi ta' Saħħa fl-Annimali li Jolqtu l-Kummerċ Intra-Komunitarju f'Annimali Bovini u Majjali;

L.S. 437.49. (ċ) Regoli dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Rrziezet fid-Database Nazzjonali għal Annimali Porċini;

L.S. 437.50. (d) Regoli dwar Miżuri ta' Kontroll tal-Marda ta' l-Ilsien u d-Dwiefer;

L.S. 437.52. (e) Regoli dwar il-Ħtiġiet tas-Saħħa tal-Annimali għall-Importazzjoni u t-Trasferiment fil-Komunità, ta' Ungulati Ħajjin;

L.S. 437.70. (f) Regoli dwar is-Saħħa ta' l-Annimali fil-Produzzjoni,

l-Ipproċessar, id-Distribuzzjoni u l-Introduzzjoni ta' Prodotti għall-Konsum mill-Bniedem;

(g) Regoli dwar l-Identifikazzjoni u r-Reġistrazzjoni ta' Majjali; L.S. 437.78.

(h) Regoli dwar il-Kondizzjonijiet tas-Saħħa li jirregolaw il-Kummerċ Intra-Komunitarju ta' Annimali Ovini u Kaprini; L.S. 437.79.

(i) Regoli dwar il-Kontroll u l-Iżradikar tal-Marda Bluetongue; L.S. 437.80.

(j) Regoli dwar il-Marda ta' l-Ilsien u d-Dwiefer (Miżuri ta' Kontroll); L.S. 437.81.

(k) Regoli fuq Prekawzjonijiet dwar Deni tal-Majjali Klassiku; L.S. 437.83.

(l) Regoli dwar il-Miżuri għall-Qerda tal-Bruċellosi, Tuberkulosi u Lewkosi fl-Ifrat; L.S. 437.86.

(m) Regoli dwar il-Miżuri ta' Kontroll ta' l-Influwenza tat-Tjur; L.S. 437.93.

(n) Regoli dwar Miżuri għall-Kontroll ta' ċertu Mard ta' l-Annimali u Miżuri speċifiċi relatati mal-Mard Vesikulari tal-Majjal; L.S. 437.94.

(o) Regoli dwar il-Ħtiġiet tas-Saħħa tal-Annimali għall-Annimali tal-Akkwakultura u l-Prodotti tagħhom, u dwar il-Prevenzjoni u l-Kontroll ta' Ċertu Mard f'Annimali Akkwatiċi; L.S. 437.95.

(p) Regoli tal-2015 dwar il-Ħtiġiet ta' Saħħa tal-Annimali li jirregolaw il-Kummerċ, u l-Importazzjoni fil-Komunità ta' Annimali, Semen, Ova u Embrijuni mhux soġġetti għal Ħtiġiet ta' Saħħa tal-Annimali stabbiliti f'Atti Speċifiċi tal-Komunità; L.S. 437.98.

(q) Regoli dwar il-Kondizzjonijiet tas-Saħħa tal-Annimali Applikabbli għall-Kummerċ Intra-Komunitarju u għall-Importazzjonijiet ta' Deep Frozen Semen ta' Annimali Domestiċi tal-Ispeċi tal-Bovini; L.S. 437.99.

(r) Regoli dwar il-Kondizzjonijiet ta' Saħħa tal-Annimali li jirregolaw il-Kummerċ intra-Komunitarju u l-Importazzjoni minn Pajjiżi Terzi ta' Embrijuni ta' Annimali Domestiċi tal-Ispeċi tal-Bovini; L.S. 437.100.

(s) Regoli dwar il-Kondizzjonijiet tas-Saħħa tal-Annimali applikabbli għall-Kummerċ Intra-Komunitarju u għal L.S. 437.102.

Importazzjonijiet ta' Semen Deep-frozen ta' Annimali Domestiċi tal-Ispeċi tal-Majjali;

L.S. 437.103. (t) Regoli dwar il-Kundizzjonijiet tas-Saħħa tal-Annimali li jirregolaw Kummerċ Intra-Komunitarju u l-Importazzjonijiet minn Pajjiżi Terzi ta' Tjur u Bajd tat-Tifqis;

L.S. 437.105. (u) Regoli li Jistabbilixxu Regoli ta' Kontroll u Miżuri għall-Marda Afrikana taż-Żwiemel; u

L.S. 437.109. (v) Regoli tal-2019 dwar Miżuri għall-Kontroll tal-Marda Newcastle.

(2) Kwalunkwe att, deċiżjoni, ommissjoni jew azzjoni meħuda qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regoli għandha tibqa' tiġi regolata mid-dispożizzjonijiet tar-regoli u r-regolamenti msemmija fis-subregola (1) kif fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regoli.